MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# ID-DISÁ LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 25

Il-Ħamis, 23 t'April, 2026

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-ufficċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Clyde Cauchi– Viċi Sindku
Louis Galea – Kunsillier
Lorenzo Grima – Kunsillier
Jeremy Hili – Kunsillier

Isaac Formosa – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 25.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

25.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

25.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 25.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

25.2.1 Is-Sindku qal illi kellem lill-Perit tal-Kunsill dwar il-kont tar-rampa. Il-Perit qall illi l-ammont huwa ġustifikat. Il-Kunsill qabel illi dan il-kont jitħallas.

25.2.2 Is-Sindku qal illi għandna ammont ta' tabelli fil-lokalità li huma msadda. Il-Kunsill qabel illi jibda jbiddilhom ftit ftit u jsiru tal-*pvc*.

25.2.3 Dwar l-iskema 'Lokalitajiet Aktar Nodfa' il-Kunsill qabel illi jinxtraw *doggy bins* u *bins* oħra madwar il-lokalità.

25.2.4 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mal-Kap u l-Kunsill tal-Iskola ssuġerixxa li peress li l-iskola tagħna tħalliet bla AC fil-klassijiet, biex ma nħallux it-tfal u l-għalliema jbatu sħana offra li jiddiskuti mal-Kunsill illi jinkrew tmien (8) *air conditions* għal klassijiet matul ix-xahar ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel illi jiġbor kwotazzjoniet għal dan il-għan.

25.2.5 Intqal illi l-*bus shelter* inqalgħet minn kuntrattur imqabbad mill-Kunsill, peress li Faces ma weġbux l-ittra li bagħat l-Avukat. Issa fadal l-arloġġ tad-dawl li l-qlugħ tiegħu jiddependi mill-EneMalta, is-Sindku qal li qed jagħmel l-almu tiegħu, hu flimkien mas-Segretarja biex din il-kwistjoni ma ttawwalx aktar.

25.2.6 L-attività Sqaqien kienet għal darba oħra suċċess. Is-Sindku nnota wkoll li l-għaqdiet tal-lokalità marru tajjeb u kellhom gwadann. Ġie ssuġġerit illi għal sena oħra l-iSqaq tal-Franċiż mill-Għarb għal San Lawrenz jingħalaq. Il-Kunsill qabel.

25.2.7 Is-Sindku qal illi jaqbel li għalissa nistennew dwar iż-żjara tad-delegazzjoni minn San Venanzo u l-parteċipanti tal-programm 'Paths of European Heritage', minħabba x-xnigħat li jista jkun hawn elezzjoni ġenerali fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Kunsill qabel.

25.2.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mal-kuntrattur li ħa l-offerta SLLC/02/2025 dwar il-provvista ta' pavimentar tal-porfido. Ġiet diskussa l-possibilità li l-kuntrattur jordna nofs il-volum tal-kuntratt biex jinħażen għandu peress li l-Kunsill m'għandux spazju fejn jaħżnu. Wara din il-laqgħa l-kumpanija kitbet lill-Kunsill fejn infurmatu illi ma jistgħux jimxu 'l quddiem taħt il-kundizzjonijiet attwali. Huma ssuġġerew li l-Kunsill jikkunsidra mill-ġdid l-għoti tal-offerta. Il-Kunsill unanimament qabel illi jerġa joħroġ l-offerta u jkun ċar fil-bżonn tal-ammont tal-materjal u fejn jinħażen.

25.2.9 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi l-applikazzjoni għall-finanzjament ta' Skema Gastronomija ġiet aċċettata u l-attivitajiet bl-isem 'Iklet Niesna' ser isiru bejn il-15 u s-16 t'Ottubru 2026.

25.2.10 Is-Sindku qal illi l-ħaddiem Joseph Vella m'għadux jaħdem mal-Kunsill, l-aħħar ġurnata mal-Kunsill kienet il-31 ta' Marzu 2026.

25.2.11 Transport Malta bagħtu korrispondenza dwar 1m *double yellow line* maż-żewġ naħat ta' Trejqet il-Wilġa tal-Ġidrin li tiżbokka għal Triq San Lawrenz. Il-Kunsill enfasizza li din it-talba ma tridx tnaqqas parkeġġ għaliex il-prijorità tal-Kunsill hija li ma jitnaqqasx parkeġġ fl-imsemmija triq. F'dan il-każ hija aktar ċara għaliex dawn is-sinjali ser isiru quddiem il-garaxxijiet li hemm fuq iż-żewġ naħħat. Il-Kunsill qabel illi jsiru kif ssuġġerita minn TM fl-email li ntbgħatet.

25.2.12 Korrispondenza mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar bis-suġġett 'Sweepers in Gozo Local Councils – starting from Monday 13th April 2026'. Bażikament dan is-servizz ser jingħata kull sitt ijiem. Il-Kunsill qabel li dan is-servizz għandu jingħata f'toroq differenti kull darba li jingħata s-servizz.

25.2.13 Il-Kunsill irċieva l-approvazzjoni mill-Awtorità tal-Artijiet dwar l-applikazzjoni fi Triq Nicholas Monsarrat peress li s-sit in kwistjoni huwa proprjetà tal-Gvern imma devolut lill-Kunsill. Għaldaqstant il-Perit issa jista jipproċedi mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni tax-xogħol ta' tisbiħ tal-*playing field*.

25.2.14 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett:

- Addendum taċ-Ċirkulari 1/2026;
- Taħriġ għall-Pubbliku u Impjegati tal-Kunsill;
- Email sabiex tintbagħat spjegazzjoni dwar id-deficit li għandu l-Kunsill;
- Laqgħa mad-Dipartiment flimkien mal-Accountant tal-Kunsill dwar il-Working Capital.

25.2.15 Korrispondenza mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bis-suġġett:

- Ċirkulari AKL 2026/027 Prospect First call for applications is now open;
- Ċirkulari AKL 2026/028 Sejħa għall-Interess – Parteċipazzjoni fil-Proġett Ewropew COHERIT (Cerv Programme 2026);
- Ċirkulari AKL 2026/029 Invitation to the European Social Services Conference (ESSC) in Malta;
- Ċirkulari AKL 2026/030 OHSA Training Sessions for Local Councils.

25.2.16 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-pagamenti ta' Sultech Ltd. Il-bilanċ għas-sena 2025 huwa €10,566.90, filwaqt li ġew imħallsa l-kontijiet pendenti kollha tas-snin 2023 u 2024. Mis-sena 2026 il-Kunsill f'dan ir-rigward qed jaħdem b'*tender* kif suppost u mhux *direct order* kif kien. Il-Kunsill unanimament qabel illi nkellmu lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-sitwazzjoni u t-triq 'l quddiem.

25.2.17 Korrispondenza mill-GRDA bis-suġġett 'Request for Recommendations: Local Personalities for GRDA Feature Series'. Il-Kunsill semma xi ndividwi li jistgħu jgħinu f'din l-inizjattiva u għaldaqstant sar qbil illi jintbagħtu dawn l-ismijiet lill-GRDA.

25.2.18 Korrispondenza oħra mill-GRDA bis-suġġett 'Bike Rack Initiative'. Il-GRDA issuġġeriet li jsiru fl-iskola u fid-Dwejra. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi jsiru d-Dwejra ħdejn il-*public convenience*, peress li diġa' teżisti waħda fl-iskola.

25.2.19 Ġew għall-attenzjoni tal-Kunsill żewġ żviluppi b'permess numru:

- PA/02266/26 fi Sqaq fi Triq San Lawrenz. Dwar din l-applikazzjoni l-Kunsill huwa preokkupat minħabba l-parkeġġ. Il-perit tal-Kunsill qal illi dwar in-nuqqas ta' parkeġġ titħallas multa lill-Awtorità tal-Ippjanar, però l-Kunsill qal li l-istess bħal każijiet oħra xorta ma tissolviex il-problema;
- PA/02266/26 fi Sqaq Nru. 3 Sqaq ta' Sancir f'Daħlet Pawluzzu.

25.2.20 Korrispondenza mingħand Michele Oltramari, Digital Marketing Expert, fejn ressaq proposta sabiex ikun jista jsir kors għall-adulti dwar it-teknoloġija. Il-Kunsill interessat u qabel illi jagħmel laqgħa miegħu għal aktar informazzjoni.

25.2.21 Il-President tan-NextGen Gozo kiteb lill-Kunsill dwar in-*nursery* ta' tlett *clubs* Għawdxin li jinkludi t-tim taż-żgħar ta' San Lawrenz. Huwa talab għajnuna finanzjarja għal *tournament* li ser isir fis-16 ta' Mejju. Il-Kunsill unanimament qabel illi jħallas it-trofej u l-medalji għal dan l-avveniment għall-prezz ta' €250.

25.2.22 Korrispondenza bis-suġġett 'Updated ELT Council Malta Contact List & Collaboration Updated'. Il-Kunsill ser jiċċekkja l-possibilità ta' korsijiet tal-lingwa ngliża.

25.2.23 L-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti bagħtet invit għal 'Gozo Regional Forum' li ser isir fil-25 t'April fil-Kempinski Hotel. Dan l-invit ġie mgħoddi lill-Kunsillier inkarigat mill-Isports.

## 25.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

25.3.1 Ma kienx hemm domandi mill-Kunsilliera.

## 25.4 Ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2025;

25.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2025.

25.4.2 Ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2025 ġie approvat mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 25.5 Proposta ta' *parking* għar-residenti;

25.5.1 Is-Sindku ressaq proposta dwar il-parkeġġ li l-Kunsill qed jikri mingħand il-Knisja. Is-Sindku qal li peress li aktar ma qed jgħaddi ż-żmien, il-parkeġġ fir-raħal aktar qed isir problema, huwa talab lill-Kunsill sabiex japprova din il-proposta li qed iressaq. Huwa ssuġġerixxa illi mill-fondi li l-Kunsill għandu mill-Awtorità tal-Ippjanar (DPF) isir parkeġġ organizzat għar-residenti, għandu jsir studju aktar tekniku li bażikament jipproponi li dan il-parkeġġ jinfetaħ għar-residenti kollha tar-raħal. Ikun hemm il-ħtieġa li tinxtara sistema li b'mod awtomatiku jiġi regolat dan il-parkeġġ.

25.5.2 Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan u sar qbil illi jibda jsir l-istudju neċessarju fuq din il-proposta sabiex ikun jista jiġi mwettaq dan il-proġett utli għar-raħal ta' San Lawrenz.

## 25.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

25.6.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 22 għal perjodu ta' bejn it-25 ta' Marzu 2026 u t-23 t'April 2026 li tammonta għal €47,765.20 ġiet approvata u ffirmata.

## 25.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

25.7.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.20p.m. u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Mejju 2026 fis-6.00p.m.

Ikkonfermati, nhar il-Ġimgħa, 15 ta'Mejju 2026.

Noel Formosa
Sindku

JCassar
Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv